MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2011

Numru 536/2011

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Jesmond ( Joseph Mary ) Tabone

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' 45 sena, bin il-mejjet Daniel u Maria nee' Bugeja u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru: 420265M, jakkuzawh talli:

Fit- 13 ta' Novembru 2007, ghal habta tas- 2.15 ta' wara nofsinhar, filwaqt li kont fl-istabbiliment Scan, li jinsab fi Triq Aldo Moro, il-Marsa, ikkommettejt is-serq ta' Tower tal-kompjuter tad-ditta Akasa, bin-numru tas-serje: 913142, liema valur jammonta ghal aktar minn 233 ewro, ghad dannu ta' Emmanuele Vella u persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil- valur u bil-persuna.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti tahtu hin jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Li l-amissjoni tohrog b’mod skjett wkoll mill-istqarrija tal-imputat li rribadixxa din wkoll f’din l-ewwel udjenza fil-Qorti. Dwar l-ammissjoni tieghu din saret volontarjament u inkondizjonatament. Dak li l-Qorti osservat hu li l-aggravju tal-persuna ma jinkwadrax.

Ghaldaqstant issib l-imputat hati tas-serq aggravat bil-valur biss.

Rat l-artikolu 261 (c), 267 u 279 (a). Tiddecidi  wara li rat l-fedina penali tieghu  li tiliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mill-lum b’applikazzjoni tal- Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti fehmet lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------